**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 273/18 AGV**

AC
Vs
BD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar il-31 ta' Awissu tas-sena 1989.
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal: ED illum ta' 28 sena, FD ta' 24 sena u GD ta' 18-il sena.
3. Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' separazzjoni personali quddiem in-Nutar Dr. Reuben Debono nhar it-12 ta' Mejju, 2011 u insinwat 7971/2011 (17/05/2011), dan skond ma jirrizulta mill-anness dokument immarkat bhala Dok. A.
4. Illi l-kontendenti kienu irrinunzjaw reciprokament ghall-manteniment, u li llum l-gurnata l-manteniment ghat-tfal m'ghadux jithallas permess li m'ghadhomx minuri.
5. Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

6. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw ir-rekwiziti tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1)Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet.
2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportun.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti li kkonfermat li kienu sseparaw skond kuntratt datat 12 ta' Mejju, 2011 li gie ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono. Tghid ukoll li l-manteniment ghat-tfal dovut skond l-istess kuntratt dejjem thallas u l-proceduri mhux se jikkrejaw problem peress li llum it-tfal huma maggorenni. Ikkonfermat ukoll li ma kienx hemm cans li jergghu jirrikonciljaw peress li kienu jghixu hajja separata u peress li llum kienet tinstab f'relazzjoni ma' haddiehor.

Rat li l-intimat m'opponix ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom isseparati legalment skond kuntratt datat 12 ta' Mejju, 2011 fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono. Tikkonferma ukoll li dejjem thallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni u llum it-tfal huma maggorenni.

Ir-rikorrent ukoll ippruvat li ma hemmx cans ta' rikonciljazzjoni u l-istess intimat m'oggezzjonax.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**